MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-16 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 642/2012/1

**Suzanne Busuttil, karta tal-identita` numru 19076(M) u Brian Busuttil, karta tal-identita` numru 525373(M) f`ismu proprju u bhala Direttur f`isem u in rapprezentanza ta` Stealth Holdings Limited, C26763**

***kontra***

1) **Francis Busuttil & Sons Limited, C334 ;**
2) **B&S Contractors Limited, C552 ;**
3) **Franco Busuttil ID11461(M) ;**
4) **Michael Busuttil ID51261(M) ;**
5) **Joseph Busuttil ID90968M ;**
6) **Christian Busuttil ID199278M ;**

**u 7) Jean Paul Busuttil ID102172M, ilkoll fil-kwalita` taghhom kollha bhala diretturi f`isem Francis Busuttil & Sons Limited u B&S Contractors Limited, hlief Franco Busuttil li ma huwiex Direttur ta` B&S Contractors Limited u Jean Paul Busuttil li ma huwiex direttur ta` Francis Busuttil & Sons Limited u**

**ghal kull interess li jista` jkollhom**

**8) Foster Clark Products Limited (C803) ;**

**9) Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited (C24137) ;**

**10) B & S Exports Limited (C16946) ;**

**11) B & S Manufacturing Limited (C16941) ; u**

**12) Chris Degiorgio ID 70456(M) bhala direttur ta` Foster Clark Products Limited u ta` Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Fl-10 ta` Gunju 2013, ir-rikorrenti pprezentaw rikors fejn talbu lill-Qorti sabiex taghti *interim order* jew direttiva fejn ir-rikorrenti Suzanne Busuttil terga` tigi appuntata bhala direttur ta` Francis Busuttil & Sons Limited ("il-kumpannija") u tigi impjegata mill-kumpannija sabiex b`hekk jigu mharsa fl-ispirtu u fis-sostanza l-memorandum u l-articles of association tal-kumpannija.

Mar-rikors kienu prezentati dokumenti.

Fit-13 ta` Gunju 2013, il-Qorti tat digriet fejn ordnat in-notifika lill-kontroparti u tathom tmint ijiem zmien biex iwiegbu filwaqt illi rriservat li tipprovdi finalment `il quddiem.

Fl-24 ta` Gunju 2013, l-intimati kollha flimkien ipprezentaw risposta bil-miktub fejn talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti. Mar-risposta, l-intimati pprezentaw dokument.

Fl-1 ta` Lulju 2013, il-Qorti tat digriet fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nahr il-Hamis 10 ta` Ottubru 2013 fid-9.00 a.m.

Fis-seduta tat-12 ta` Novembru 2013, il-Qorti semghet ix-xiehda ta` r-rikorrenti Suzanne Busuttil.

Fil-25 ta` Novembru 2013, ir-rikorrenti Suzanne Busuttil ipprezentat nota guramentata b`dokumenti.

Fis-seduti tal-20 ta` Jannar 2014 u tal-10 ta` Marzu 2014, il-Qorti semghet ix-xiehda tar-rikorrent l-iehor Brian Busuttil u rat id-dokumenti li x-xhud ipprezenta.

Fis-seduta tal-10 ta` Marzu 2014, il-Qorti semghet ukoll id-deposizzjoni tal-intimat Joseph Busuttil u tal-Awditur John Bonello ; dan tal-ahhar ipprezenta dokument li l-Qorti hadet konjizzjoni tieghu.

Fis-seduta tat-12 ta` Mejju 2014, il-Qorti semghet ix-xiehda tal-Avukati Henri Mizzi u Joseph J. Vella, li t-tnejn ipprezentaw dokumenti li l-Qorti rat. Fl-istess seduta kienet prezentata x-xiehda bl-affidavit ta` Lawrence Zammit.

Fis-seduta tat-2 ta` Ottubru 2014, il-Qorti regghet semghet id-deposizzjoni tal-Av. Joseph J. Vella, tar-rikorrenti Suzanne Busuttil u l-kontroezami ta` Joseph Busuttil.

Wara li kienet debitament awtorizzata, il-kumpannija T&L Holdings Limited ipprezentat risposta fis-16 ta` Ottubru 2014 ; il-Qorti hadet konjizjoni taghha.

Il-Qorti rat in-nota b`dokumenti li r-rikorrenti pprezentaw fil-31 ta` Ottubru 2014.

## II. Il-kuntest tar-rikors

Il-Qorti tirrileva **mill-ewwel** illi r-rikors li dwaru qieghed jinghata l-provvediment tal-lum ma ghandux jigi distakkat jew disgunt mill-procediment principali, dak li jgib in-Nru 642/2012, fejn ir-rikorrenti ntavolaw azzjoni skond l-Art 402 tal-Kap 12, u fl-ambitu ta` dik l-azzjoni, talbu rimedji. Il-provvediment *interim* li qeghdin jitolbu r-rikorrenti llum ma jistax iwarrab fil-genb ir-rabta diretta li ghandu mal-procediment principali li ghadu pendenti quddiem din il-Qorti hekk kif presjeduta billi l-gbir tal-provi ghadu mhuwiex konkluz ; infatti l-kawza ghadha fl-istadju tal-provi tar-rikorrenti. Ghalhekk ghalkemm ir-rimedju *interim* li talbu r-rikorrenti kien impostat fil-kuntest ta` azzjoni skond l-Art 402 tal-Kap 386, il-Qorti trid taghmilha cara li ghalkemm fil-provvediment taghha tal-lum hija sejra wkoll tirreferi ghal dik id-disposizzjoni, fl-istess waqt qeghda tghid ukoll li dak li sejra tipprovdi jolqot **biss u unikament** dak li qieghed jintalab mir-rikorrenti fir-rikors taghhom tal-10 ta` Gunju 2013 **u mhux** il-mertu tal-azzjoni principali taghhom ghax dak ghad irid jigi deciz `il quddiem wara li jkun sar is-smigh tal-provi kollha.

## III. L-Art 402 tal-Kap 386

L-azzjoni skond l-Art 402(1) tal-Kap 386 issir minn membru ta` kumpannija dwar atti jew omissjonijiet tal-kumpannija li dak il-membru jallega li kienu jew li x'aktarx ser ikunu oppressivi b'mod mhux gust, diskriminatorji kontra tieghu, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju ghalih jew ghal membri ohra jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.

Fil-parametri ta` l-azzjoni skond l-Art 402(1) tal-Kap 386, in linea generali, membru ta` kumpannija jitlob il-protezzjoni tal-Qorti fejn, ghax ikun fil-minoranza, jsib ruhu soggett b`manjiera diskriminatorja, ingusta jew pregudizzjevoli ghar-rieda ta` membri ohra li jkollhom maggoranza tal-ishma.

In-nuqqas ta` rappresentanza fit-tmexxija ta` kumpannija mhuwiex *per se* att ta` oppressjoni, ingust jew diskriminatorju, ghaliex ghajr fil-kazi fejn l-istatut tal-kumpannija jipprovdi xort`ohra, il-fatt illi persuna jkollha ishma go kumpannija ma jaghtix dritt *sine qua non* li jkollha rappresentanza fit-tmexxija u direzzjoni tal-kumpannija. Ghalhekk il-protezzjoni gudizzjarja li azzjonista minoritarju ghandu jedd ifittex huwa fis-sens illi l-Qorti tkun mitluba tistharreg l-agir jew in-nuqqas tal-ufficjali tal-kumpannija sabiex taccerta ruhha li min jikkontrolla l-maggoranza ta` l-ishma ta` ma jaghmel xejn li jkun intiz sabiex jopprimi, jiddiskrimina jew igib pregudizzju fil-konfront ta` dawk il-membri li ghax ikunu jippossjedu minoranza tal-ishma jkunu eskluzi mid-direzzjoni jew tmexxija tal-kumpannija u jispiccaw imwarrba ghal kollox u dan intortament.

Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Mejju 1999 fil-kawza "**Monreal et vs Delia noe**" din il-Qorti (diversament presjeduta) qalet hekk :-

*Dawn il-provvedimenti huma ta' salvagwardja u ta' protezzjoni ghall-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali, b'mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provvedimenti huma moghtija lil kull azzjonista ta' socjeta` kummercjali. Kull azzjonista, anke jekk hu minoritarju, ta' socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista' jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f'kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista' jsofri xi pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpannija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonista li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew*

*ghall-interessi in generali tal-azzjonisti …*

Fiz-zmien meta sar l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji, l-*Unfair Prejudice Remedy* fil-Ligi Ingliz kien migbur fl-Art 459 tal-Companies Act 1945. Din id-disposizzjoni tal-Ligi Ingliza kienet revokata bil-Companies Act 2006. F`din l-ahhar ligi, id-disposizzjoni li tittratta dan is-suggett huwa l-Art 994.

Il-Qorti ta` l-Appell tal-Ingilterra fis-sentenza taghha fil-kawza "**<u>Saul D. Harrison & Sons plc</u>**" (1995 - 1 BCLC) fasslet linji gwida dwar kif kellu jitqies agir "*unfairly prejudicial*". Fis-sostanza li qalet il-Qorti kien illi wiehed kellu jara jekk l-agir kienx permess jew le mill-istatut tal-kumpannija ; fi kwalunkwe kaz, fl-applikazzjoni ta` d-dispozizzjoni, li kienet ispirata minn principji ta` ekwita` aktar milli ta` drittijiet strettament legali, il-Qorti kellha tqis l-aspettativi legittimi ("*legitimate expectations*") tar-rikorrent.

**IV. <u>Dottrina</u>**

Fil-Kapitolu 16 (minn pag 959 sa 1029) tal-ktieb **"<u>Principles of Maltese Company Law</u>"** (Malta University Press – 2007) <u>Andrew Muscat</u> jittratta s-suggett ta` *Statutory Shareholder Remedies : Unfair Prejudice and Winding Up*. Minn pag 997, jittratta *remedies available under article 402*. In partikolari, iqis dawk maghrufa bhala *interim orders* u jghid hekk –

*Before examining the different types of order that can be made by the court, a preliminary question should be considered : whether a court may issue an interim order pending final judgement. The position in English law is that English courts do, where appropriate, have the power to issue interim orders – usually orders for payment on account or orders designed to preserve the status quo. The Maltese Companies Act is silent on the question of whether a court, seized of an issue under article 402, is entitled to issue an interim order. Nor does any jurisdiction result from any general provision in the Code of Organisation and Civil Procedure. It is significant that where the legislator wished to grant to a court the power to make interim orders, the legislator did so by express provision, as with the power of the court to issue a "provisional order" under article 37(5) of the Merchant Shipping Act (prohibiting dealings in a ship until the court definitely decides on the merits) and the power of the court to initially issue a warrant of prohibitory injunction for an "interim period" under article 873(7) of the Code of Organisation and Civil Procedure. In practice, situations may sometimes arise where the*

*issue of an interim order would be necessary to protect the interests of the complainant or of the company. The introduction of an amendment to article 402 would allow the court to issue interim orders would be another helpful tool in the court`s arsenal against oppressive, unfairly prejudicial or unfairly discriminatory conduct ...*

**V. <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-*minority shareholders* dejjem kienet fonti ta` thassib ghall-Qrati, u ghalkemm il-gurisprudenza lokali u dik Ingliza kienet toffri il-protezzjoni taghha, ir-rimedji dejjem kienu limitati u soggetti ghal diversi restrizzjonijiet (ara - is-sentenza ta' l-Qorti tal-Appell fil-kawza "**<u>Bonnici Cachia vs Agius et</u>**", deciza fis-6 ta' Novembru, 1991, u "**<u>Falla vs Sorotos</u>**" deciza ukoll mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 1976).

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**<u>Vella et vs Vella Brothers Limited et</u>**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

*Il-hsieb wara dan l-artikolu* (u cioe` l-Art.402) *huwa li jiftah l-iskop ta' intervent da parti mill-Qorti, u din il-Qorti tkun qed taghmel "disservice" lill-azzjonisti minoritarji jekk tkun hi li terga` taghlaq parzjalment il-bieb li fetah il-legislatur bl-Artikolu 402. Bis-sahha ta' dak l-artikolu, il-Qorti tista' taghti dak ir-rimedju li jidhrilha li jkun opportun, inkluz allura, rimedji u ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-istatus quo sakemm tigi mistharga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija.*

*Ovvjament, dan ma jfissirx li r-rimedju mitlub se jinghata, ghax il-Qorti ghad trid tisma' l-provi u t-trattazzjoni dwar il-kwistjoni li nqatghet, imma l-Qorti hi tal-fehma li rimedju jista' jinghata …*

Bhala fatt l-Att dwar il-Kumpanniji ma jghid xejn dwar jekk qorti tistax taghti *interim order* fil-pendenza ta` procediment inizjat abbazi tal-Art 402. Fl-istess waqt, ghaliex il-ligi ma timponi l-ebda divjet, din il-Qorti ma tarax ghaliex fil-principju ghandha tkun prekluza milli taghti *interim order* fil-pendenza tal-procediment fejn ic-

cirkostanzi tal-kaz ikunu jirrikjedu in partikolari l-interess tal-kumpannija. Bil-fatt li taghti *interim order* m`ghandux ifisser jew jigi mifhum li jfisser li l-qorti qeghda tesprimi ruhha dwar il-mertu tal-azzjoni skond l-Art 402. Infatti jekk rikorrent ma jsehhlux jaghmel il-prova skond l-Art 402(1), ma ghandux jedd jippretendi rimedju skond l-Art 402(3). Dan ikompli jfisser li jekk t-talba tar-rikorrent skond l-Art 402(1) tkun respinta fil-mertu, tieqaf ukoll l-*interim order.* L-ghoti ta` *interim order* fil-pendenza ta` procediment bhal ma huwa dak skond l-Art 402 jista` jkun indikat sabiex il-kumpannija ma *tiehux daqqiet `l isfel.* Fejn l-interess tal-kumpannija fit-totalita` taghha, meta mqabbel mal-interess tal-membru li jintavola l-procediment, ikun jesigi *restraint,* anke mill-qorti stess, il-Qorti ghandha tesercita d-diskrezzjoni taghha u ma tmurx ghall-ghoti ta` *interim order.*

## VI. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Il-Qorti qieset dak li ppremettew ir-rikorrenti fir-rikors taghhom. Ikkunsidrat ukoll id-deposizzjoni taghhom u d-dokumenti li gabu bhala prova. Jekk taghsar it-talba, dak li qeghdin jitolbu r-rikorrenti mill-Qorti, pendenti decizjoni definittiva taghha fil-procediment principali, huwa li tappunta lir-rikorrenti Suzanne Busuttil bhala direttur ta` Francis Busuttil & Sons Limited ("FBS"), nonostante dak li jghid l-istatut tal-kumpannija (u del resto, il-ligi) dwar il-hatra u tnehhija ta` diretturi.

It-tema centrali wara t-talba tar-rikorrenti, meta ridotta ghall-essenzjal taghha, hija li FBS kienet kostitwita minn hames ahwa Busuttil, b`kull wiehed minnhom ikun membru b`ghoxrin fil-mija (20%) tal-ishma. Ghalkemm l-ishma kienu kollha ordinarji fis-sens illi ma nholqu l-ebda *class shares,* id-diretturi ta` FBS dejjem kienu l-hamest ahwa. Ir-rikorrenti jikkontendu illi l-intiza (ghalkemm mhux miktuba) bejn il-hamest ahwa kienet illi kull familja tkun rapprezentata minn direttur. Jirrizulta li kull meta miet wiehed mill-hames ahwa, dahal floku bhala direttur wiehed minn uliedu. L-uniku mill-hames ahwa li baqa` haj mill-hames ahwa huwa missier ir-rikorrenti. Dan ghazel li jghaddi l-ishma tieghu lir-rikorrenti u ma baqax direttur. Wara li sar it-trasferiment tal-ishma tieghu, ir-rikorrenti Suzanne Busuttil saret direttur. Wara xi zmien, hija tnehhiet minn direttur, ghalkemm hi u huha r-rikorrent l-iehor baqghu azzjonisti.

Fil-kawza principali, qieghed jigi allegat li dik it-tnehhija kienet att fejn ir-rikorrenti ghandhom jedd jitolbu l-protezzjoni tal-Art 402(1) tal-Kap 12 u konsegwenti rimedju skond l-Art 402(3). Ghall-fini tal-provvediment tal-lum, il-Qorti mhijiex sejra tindaga l-legalita`, il-fondatezza jew il-legittimita` ta` dak l-att ghaliex jekk taghmel hekk, tkun qeghda tiskonfina b`mod prematur f`decizjoni tal-azzjoni fl-intier taghha meta l-kawza ghadha fl-istadju tal-provi tar-rikorrenti. Ghall-fini tal-provvediment tal-lum, li l-Qorti trid tara huwa jekk ikunx opportun illum illi gara x`gara fil-passat, u kien dak li kien li wassal ghat-tnehhija ta` Suzanne Busuttil minn direttur ghandhiex tintervjeni hi fl-istadju attwali u timponi hi l-hatra tal-istess Suzanne Busuttil.

Fil-mertu u fil-qosor, l-intimati jikkontestaw il-fatti kif pretizi mir-rikorrenti. Joqghodu fuq l-istatut ta` FBS. Isostnu li t-tnehhija tar-rikorrenti kien att li twettaq fl-interess tal-kumpannija minghajr ma r-rikorrenti tilfu xejn mill-jeddijiet taghhom bhala membri u d-dhul finanzjarju li l-istatus taghhom igorr mill-attivitajiet kummercjali tal-kumpannija.

**Jekk kellha twarrab fil-genb dak li xehdu r-rikorrenti u l-intimati, u toqghod <u>ghall-fini tal-provvediment tal-lum</u> fuq li xehdu l-Awditur John Bonello u l-Ekonomista Lawrence Zammit, il-Qorti taghzel li tikkonferma l-istatus quo fid-direzzjoni tal-kumpannija kif inhi llum, u allura li ma taghti l-ebda *interim order* kif rikjest mir-rikorrenti.**

Il-kredenzjali professjonali tal-Awditur Bonello, u dak li xehed, minn fol 214 `il quddiem, ma jistghux jigu trattati leggerment jew addirittura skartati. Fid-deposizzjoni tieghu, huwa fisser kif fl-2011, kien intalab minn Charles Busuttil biex jaghti pariri lill-bord dwar il-*governance* tal-group. Fil-fatt inhatar membru tal-bord. Dak iz-zmien Suzanne Busuttil kienet membru tal-bord. Ir-reazzjoni taghha ghall-hatra tieghu fil-bord kienet negattiva. Huwa baqa` jattendi l-laqghat tal-bord ta` FBS u ta` xi kumpanniji ohra fil-group. Lil kull wahda mill-hames familji li fil-pussess taghhom kellhom l-ishma tal-kumpannija fisser il-vizjoni tieghu ghall-futur. Skond l-Awditur Bonello, FBS hija kumpannija b`sahhitha u thallas dividend konsiderevoli lill-azzjonisti taghha. Hija l-*holding company* u m`ghandhiex impjegati. Dwar l-imgieba ta` Suzanne Busuttil fil-laqghat tal-bord, l-Awditur Bonello ifissirha bhala difficli. L-attitudini taghha kienet illi sabiex kumpannija bhal dik titmexxa bhala *public company* kellhom jitnehha kulhadd : l-avukati, l-awdituri, l-accountants u diretturi ohra. Jinsisti li fil-laqghat hija qatt ma tat l-appogg taghha ghal xi inizjattiva jew azzjoni ntiza fl-interess tal-kumpannija. L-attitudini taghha jista` jingabar fi kliem ix-xhud stess (ara fol 223) :

*I don't remember her being positive about anything, complimentary about anything, she was always antagonistic, critical, extremely unpleasant atmosphere, unique set of circumstances.*

Il-Qorti tirrileva li ma sarx kontroezami tal-Awditur Bonello.

L-Ekonomista Lawrence Zammit (ara l-affidavit tieghu a fol 231) wara li fisser il-kredenzjali professjonali tieghu xehed li huwa kien jaghmel parti minn *Remuneration Committee* li l-group kien waqqaf bhala parti minn *corporate governance exercise* aktar wiesgha. Il-kumitat hejja rapport dwar *the remuneration packages of the executive directors of the group.* Fid-9 ta` Mejju 2012, ir-rapport kien prezentat waqt laqgha tal-Bord tad-Diretturi ta` FBS ; ghal-laqgha kienet prezenti Suzanne Busuttil. Ir-reazzjoni taghha kienet ghal kollox negattiva fis-sens illi kkontestat il-komposizzjoni tal-kumitat, il-*findings* tieghu, u rrigettat il-proposti li saru fis-sens illi d-diretturi ma kienx haqqhom dak li kien qieghed jigi propost.

Il-Qorti terga` tirrileva li ma sarx kontroezami ta` Lawrence Zammit.

**Abbazi tal-provi rakkolti ghall-fini ta` dan il-provvediment, il-Qorti mhijiex tara li, minghajr l-ghoti tal-*interim order* kif rikjest mir-rikorrenti, se jkun pregudikat l-interess futur tal-kumpannija u tal-investimenti taghha.**

**Inoltre, <u>fl-assenza ta` fatti u cirkostanzi determinanti ppruvati</u>, il-Qorti mhijiex tara kif, bhala konsegwenza ta` *interim order*, il-hatra da parti taghha ta` Suzanne Busuttil bhala direttur ta` FBS, b`mod li ssir ukoll impjegata tal-kumpannija, sejra ttejjeb it-tmexxija tal-kumpannija, fl-ahjar interess tal-azzjonisti kollha nkluz dak tar-rikorrenti.**

**Il-Qorti tinsisti li d-diversi azzjonisti ta` FBS ghandhom interessi, li mhux necessarjament ikunu l-istess bhal dawk ta` l-azzjonisti l-ohra. Mhux eskluz li azzjonisti gejjin mill-istess familja jkollhom disgwid jew interessi konfliggenti bejniethom. Fl-isfond ta` assett socjetarju daqstant kompless, li jsib ruhu rammifikat f`ghadd ta` kumpanniji ohra, ma jkunx opportun fl-istadju tal-lum li l-Qorti tintervjeni b`*interim order* fuq il-linji mitluba mir-rikorrenti. Anke jekk il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tintervjeni u li tiffissa l-modalita` tal-intervent taghha, aktar ma tkun wiesgha d-diskrezzjoni, aktar ghandha tezercita kawtela fit-twettieq tad-diskrezzjoni taghha, l-aktar meta tigi biex tfittex bilanc xi drabi delikat bejn l-interessi generali tal-kumpannija u dawk tal-azzjonisti.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghhom tal-10 ta` Gunju 2013. L-ispejjez tal-provvediment tal-lum jibqghu riservati ghall-gudizzju finali dwar il-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------